

32005D0617

19.8.2005

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 214/63

## DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tas-17 ta' Awwissu 2005

**li tirrikonoxxi temporanjament is-sistema għall-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni ta' l-annimali ovini u kaprini fil-Gran Brittanja u fl-Irlanda ta' Fuq, ir-Renju Unit, skond l-Artikolu 4(2)(d) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 21/2004**

(innotifikata taħt dokument numru C(2005) 3122)

(It-test Ingliż biss huwa awtentiku)

(2005/617/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

konformità ma' ħafna mill-għanijiet stabbiliti fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 21/2004, iżda l-implimentazzjoni tagħha titlob livell għoli ta' għarfien u impenn mill-partijiet kollha involuti.

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 21/2004 li jstabbilixxi sistema għall-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni ta' l-annimali ovini u kaprini li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1782/2003 u d-Direttivi 92/102/KEE u 64/432/KEE <sup>(1)</sup> u b'mod partikolari l-Artikolu 4(2)(d) tiegħu,

(3) L-awtorità kompetenti tar-Renju Unit impenjat ruħha li tindirizza il-kwistjonijiet imqajma, u b'mod partikolari li tiegħu l-miżuri meħtieġa sabiex tiżgura konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 21/2004 fi żmien 10 giunghat minn meta tingħata l-approvazzjoni mitluba.

Billi:

(1) L-awtorità kompetenti tar-Renju Unit ressqet żewġ talbiet, flimkien ma' dokumentazzjoni xierqa, għar-rikonoxximent tas-sistema ta' identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni ta' l-annimali ovini u kaprini implimentata fil-Gran Brittanja u fl-Irlanda ta' Fuq rispettivament.

(4) Is-sistemi ta' identifikazzjoni u reġistrazzjoni ta' annimali ovini u kaprini fil-Gran Brittanja u fl-Irlanda ta' Fuq għandhom għalhekk jingħataw approvazzjoni proviżorja għall-perjodu interim li tippermetti is-sostituzzjoni tat-tieni mezz ta' identifikazzjoni għall-annimali ovini permezz ta' dik is-sistema, minbarra fil-każ ta' annimali involuti fil-kummerċ intra-Komunitarju.

(2) Wara missjoni veterinarja ta' spezzjoni tal-Kummissjoni fir-Renju Unit, l-esperti tal-Kummissjoni sabu li fil-Gran Brittanja is-sistemi ta' identifikazzjoni u reġistrazzjoni ta' l-annimali ovini u kaprini eżistenti u proposti b'mod ġenerali huma kapaċi li jiżguraw konformità ma' ħafna mill-għanijiet stabbiliti fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 21/2004, iżda għandhom jiġu indirizzati numru ta' nuqqasijiet. Fl-Irlanda ta' Fuq is-sistema proposta ta' identifikazzjoni u reġistrazzjoni ta' annimali ovini tista' tilħaq

(5) L-awtorità kompetenti għandha twestaq kontrolli xierqa sabiex tivverifika l-implimentazzjoni tajba tas-sistema ta' identifikazzjoni u reġistrazzjoni ta' l-annimali ovini u kaprini.

(6) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti għall-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Annimali,

(<sup>1</sup>) ĠU L 5, 9.1.2004, p. 8.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 3*

*Artikolu 1*

Is-sistemi għall-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni ta' l-annimali ovini u kaprini previsti taħt l-Artikolu 4(2)(c) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 21/2004 implimentati mir-Renju Unit fil-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq huma hawnhekk rikonoxxuti bħala operattivi proviżorjament mid-9 ta' Lulju 2005 sa mhux aktar tard mit-30 ta' April 2006.

*Artikolu 2*

Il-Kummissjoni flimkien ma' l-awtoritajiet tar-Renju Unit se tagħmel spezzjonijiet fil-post biex tivverifika l-implimentazzjoni ta' l-azzjoni proposta mir-Renju Unit.

L-approvazzjoni proviżorja tas-sistema għall-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni ta' l-annimali ovini u kaprini mogħtija fl-Artikolu 1 se jiġu reveduti fid-dawl tar-riżultati ta' l-ispezzjonijiet sal-31 ta' Jannar 2006.

Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet li għandhom jiġu stabbiliti skond l-Artikolu 10(1)(a) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 21/2004 l-awtorità kompetenti se twettaq il-kontrolli xierqa fil-post kull sena biex tivverifika l-konformità ta' dawk li jżommu l-annimali mar-reqwiżiti dwar l-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni ta' l-annimali ovini u kaprini.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Renju Unit.

Magħmul fi Brussell, nhar is-17 ta' Awwissu 2005.

*Għall-Kummissjoni*

Markos KYPRIANOU

*Membru tal-Kummissjoni*